## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **658/2021**

## CARMEN SCERRI (KI 56256M)

**VS**

## MARGHERITA SIVE MARGARET SALIBA (KI 44255M)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija talba għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-assi illi kienu jappartjenu lid-defunti Carmelo u Lucrezia konjuġi Borg, u d-diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat sitta (6) ta' Lulju 2021, **Carmen Scerri** ppremettiet:

a. Illi l-kontendenti huma wlied id-defunti Carmelo u Lucrezia Borg;

b. Illi Carmelo Borg miet nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju 2002;

c. Illi Carmelo u Lucrezia xtraw u akkwistaw matul iż-żwieġ tagħhom is-segwenti:

    i. Il-maisonette numru 87 fi Triq San Mikiel, Fgura;

    ii. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Movie Magic"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar;

    iii. Il-garaxx numru 232, Triq San Tumas, Fgura;

    iv. Il-fond bl-isem ta' *Casa Borg* numru 234, inkluż il-garaxx, Triq San Tumas, Fgura;

    v. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Friends Bar"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar;

    vi. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Soleil Hair Studio"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar;

    vii. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Fraben Boutique"* fi Triq il-Baħrija, Żabbar;

    viii. Il-ħanut magħruf *"Lantas Pet Shop"* fi Triq il-Baħrija c/w Triq Alessio Erardi, Żabbar;

    ix. Il-garaxx magħruf bl-isem *"Lucky Garage"* fi Triq il-Baħrija, Żabbar;

liema disa' (9) proprjetajiet immobbli baqgħu proprjeta' tagħhom sal-mewt tagħhom;

d. Illi Carmelo Borg ħalla l-wirt tiegħu jiġi regolat permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tal-erbgħa (4) ta' Frar 1997, u fost id-disposizzjonijiet tiegħu ħalla li:

*It-testaturi jinnominaw u jistitwixxu bħala uniċi werrieta universali u padruni assoluti tal-ġid tagħhom kollu presenti u futuri, mobbli u immobbli, lil ulied naxxituri ta' binthom Margherita sive Margaret kwantu għal nofs indiviż in nuda proprieta u binthom Carmen Scerri, mart Francis, kwantu għal nofs indiviż in piena proprieta, bis-sostituzzjoni tar-rispettivi wliedhom;*

*F'kas li Margaret ma jkollhiex tfal, it-testaturi jinnominaw u jistitwixxu bħala unika werrieta universali tal-ġid tagħhom kollha presenti u futuri, mobbli u immobbli, lil binthom Carmen Scerri, soġġett nofs l-assi ereditarji għall-usufrutt favur binthom Margaret, bis-sostituzzjoni ta' uliedha;*

e. Illi Lucrezia Borg mietet nhar l-erbgħa (4) ta' Settembru 2019;

f. Illi Lucrezia Borg ħalliet il-wirt tagħha jiġi regolat permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2018, u fost id-disposizzjonijiet oħra tagħha ħalliet li:

*Permezz tal-Ewwel Artikolu – Qabel xejn it-Testatriċi tannulla, tħassar u tikkanċella kwalunkwe testment sia pubbliku u sia sigriet jew xi disposizzjoni oħra tal-aħħar volonta' fil-każ illi hija qatt setgħet tagħmal qabel dan tal-lum, u trid u tordna li s-suċċessjoni tagħha tiġi regolata b'dan it-testment tagħha tal-lum biss;*

*Permezz tat-Tieni Artikolu – It-testatriċi qiegħda tħalli b'titolu ta' prelegat għal darba waħda biss u dan favur it-tifla tagħha, Margherita sive Margaret Saliba, pensjonanta, mart Grezzju Saliba, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 44255M, imwielda nhar it-tlieta ta' Jannar tas-sena elf disa' mija ħamsa u ħamsin (03/01/1955) kull sehem li hija*

*għandha mid-dar fuq żewġ sulari bl-arja libera u mhux interrotta tagħha, u s-sottoswol relattiv numerat uffiċjalment mitejn u erbgħa u tletin (234) bl-isem "Casa Borg", Triq San Tumas, Fgura, kif ukoll żewġ garaxxijiet annessi mal-istess dar wieħed kull naħa, numerat uffiċjalment mitejn, tnejn u tletin (323) u mitejn u sitta u tletin (236) fl-istess triq, inkluż f'dan il-prelegat hemm l-oġġetti kollha li jinsabu fl-istess dar* ad limite intus*, eskluż minn dan il-prelegat hemm flus u titoli rappreżentanti flus kif ukoll ġojjelli u ħaġar prezzjuż.*

*Permezz tat-Tielet Artikolu – It-testatriċi qiegħda tħalli b'titolu ta' prelegat għal darba waħda biss u dan favur it-tifla tagħha, Margherita sive Margaret Saliba, pensjonanta, mart Grezzju Saliba, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 44255M, imwielda nhar it-tlieta ta' Jannar tas-sena elf disa' mija ħamsa u ħamsin (03/01/1955) kull sehem li t-testatriċi għandha mill-kirjiet li hija tirċievi fuq il-ħwienet Ħaż-Żabbar, Triq Alessio Erardi.*

*Permezz tar-Raba' Artikolu – It-testatriċi salv dak fuq ġja ordnat, tinnomina u tistitwixxi bħala eredi universali tagħha padruna proprjetarja assoluta ta' kull m'għandha u jista' jkollha fil-ġurnata tal-mewt tagħha lit-tifla tagħha, Margherita sive Margaret, pensjonanta, mart Grezzju Saliba, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 44255M, imwielda nhar it-tlieta ta' Jannar tas-sena elf disa' mija ħamsa u ħamsin (03/01/1955).*

*Permezz tas-Sitt Artikolu – It-testatriċi tordna li t-tifla tagħha l-oħra, cioe lil Carmen Scerri, pensjonanta, mart Francis sive Ċikku Scerri, detentriċi tal-karta tal-idenitta' numru 56256M, imwielda nhar l-erbgħa ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u ħamsin (04/01/1956) għandha tieħu l-porzjon riservat skont il-liġi.*

g. Illi r-rikorrenti ħallset it-taxxa fuq id-denunzja relattiva għas-sehem spettanti lilha u trid li filwaqt li tiġi mmessa fil-pussess kwantu jirrigwarda l-eredita' spettanti lilha da parti ta' missierha Carmelo Borg,

tingħata wkoll dak l-ammont rappreżentanti s-sehem riservat mil-liġi derivanti mid-disposizzjonijiet ta' ommha Lucrezia Borg, u cioe 1/3 ta' ½ u cioe 1/6 (mobbli u immobbli ta' Lucrezia Borg);

h. Illi r-rikorrenti, permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 2019, interpellat lill-intimata sabiex bħala eredi tad-defunti ġenituri tagħha, fejn huwa l-każ, tgħaddi sabiex timmittiha fil-pussess ta' dak spettanti lilha;

i. Illi in segwitu għall-imsemmi att ġudizzjarju, kien hemm diskussjonijiet li dehru posittivi, stante illi kien hemm anke qbil dwar l-identifikazzjoni tal-proprjeta' soġġetta għad-diviżjoni, parti spettanti lir-rikorrenti mid-dħul tal-kirjiet, u dwar il-valur tal-proprjetajiet kif relaxxati mill-Perit Robert Ellul Sciberras;

j. Illi nonstante dan kollu u d-diversi *e-mails* skambjati, għal raġunijiet li tafhom biss l-intimata, hija baqgħet inadempjenti;

k. Illi r-rikorrenti ma tridx tibqa' fi stat ta' komproprjeta' tal-intimata;

l. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn Carmelo u Lucrezia konjuġi Borg li mietu fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2002 u fl-erbgħa (4) ta' Settembru 2019 rispettivament;

ii. Tillikwida l-assi partikolari ta' Carmelo Borg u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjati u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

iii. Tillikwida l-assi partikolari ta' Lucrezia Borg u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjati u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

iv. Tiddividi l-ġid kollu in kwantu għas-sehem spettanti lil Carmelo Borg u Lucrezia Borg bejn il-kontendenti f'dawk l-ishma li jispetta lilhom skont ma ngħad hawn fuq;

v. Tillikwida tali sehem riservat dovut lir-rikorrenti mill-wirt ta' ommha Lucrezia Borg in vista wkoll għall-valuri kif ġew indikati skont Dok CS6 sa CS15 bl-imgħax legali skont l-Artikolu 615 tal-Kap 16 mid-data tal-intavolar tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

vi. Tikkonferma li r-rikorrenti hija eredi ta' missierha Carmelo Brog li miet nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju 2002;

vii. Tinnomina jekk ikun il-każ Perit Tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni tal-beni;

viii. Tinnomina nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi tal-intimata u dan sabiex jiġu pubblikati l-atti relattivi;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inkluż dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 331/2019 MG u tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 2019 bin-numru ta' referenza 4720/19;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmienja (8) ta' Lulju 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi u tippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħha in sostenn tad-difiża tagħha, filwaqt illi ordnat lir-rikorrenti sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta tippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħha in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar il-Ħamis, tletin (30) ta' Settembru 2021;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2021, il-konvenuta **Margherita sive Margaret Saliba** eċċepiet:

a. Illi fl-ewwel lok, qed jiġi eċċepit bir-rispett li qabel l-intavolar ta' dawn il-proċeduri, il-kotendenti kellhom diversi diskussjonijiet pożittivi tramite l-avukati tagħhom, kif wara kollox ġie kkonfermat mir-rikorrenti stess fir-rikors promotur, tant li kien hemm anke bażi soda ta' ftehim;

b. Illi sfortunatament, pero', ir-rikorrenti għażlet li tipproċedi b'mod ġudizzjarju ħabta u sabta u dan wara li l-kontendenti kienu fi stadju avvanzat ta' negozjati bejniethom. Dan qed jiġi rilevat fl-isfond tal-fatt li, b'għemilha, ir-rikorrenti għażlet li tidħol fi spejjeż ġudizzjarji inutli u għalhekk qed jiġi eċċepit bir-rispett li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati unikament mill-istess rikorrenti li għall-ebda raġuni valida għażlet li tirrikorri quddiem din il-Qorti wara li l-kontendenti kienu waslu biex jifthiemu;

c. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, l-intimata qed teċċepixxi l-preskrizzjoni t'għaxar snin fir-rigward tas-sitt talba tar-rikorrenti, u dan ai termini tal-Artikolu 845(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li:

*"L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."*

d. Illi tali eċċezzjoni qed tiġi sollevata fl-isfond tal-fatt li missier il-kontendenti Carmelo Borg miet fis-7 ta' Mejju 2002, u cioe aktar minn dsatax-il sena ilu u b'hekk, it-talba tar-rikorrenti sabiex hi tiġi kkonfermata werrieta ta' missierha hija ormai preskritta u ma tistax tiġi akkolta;

e. Illi in linea mas-suespost, tali eċċezzjoni qed tiġi sollevata anke fl-isfond tar-raba' talba tar-rikorrenti safejn tolqot l-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Borg, u dan peress li ġialadarba l-azzjoni testamentarja odjern tiġi dikjarata preskritta, fl-umli fehma tal-

konvenuta, it-talba tad-diviżjoni tal-ġid kollu ta' Carmelo Borg ma tibqax aktar eżerċitabbli;

f. Illi f'każ li din il-Qorti ma tilqax din l-eċċezzjoni preliminari, qed jiġi eċċepit bir-rispett li l-istess Qorti għandha tikkunsidra l-fatt illi ai termini tat-testment *unica charta* ta' missierha Carmelo Borg, datat 4 ta' Frar 1997, il-konvenuta hija użufruttwarja ta' nofs l-assi ereditarji tal-istess Carmelo Borg, u b'hekk hija għandha tingħata l-godiment effettiv ta' nofs l-assi msemmija;

g. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu, il-konvenuta qed teċċepixxi bir-rispett li fil-konfront tal-ħames talba tar-rikorrenti, is-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti mill-wirt ta' Lucrezia Borg m'għandux jiġi likwidat bl-imgħax legali, u dan in vista tal-fatt li kif ġia ngħad qabel, il-kontendenti kienu waslu sabiex jifthemu bonarjament qabel l-intavolar ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt, għal raġunijiet magħrufa biss mir-rikorrenti, minflok ma r-rikorrenti resqet sabiex jiġi ffinalizat il-ftehim, hija ddeċidiet li tintavola l-proċeduri odjerni;

h. Illi fl-aħħar lok, qed jiġi eċċepit bir-rispett li l-konvenuta qed tirrimetti ruħha għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti għal dak li jirrigwarda l-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti;

i. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti;

6. B'kontro-talba datata tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2021, ir-rikonvenzjonanti **Margerita sive Margaret Saliba** eċċepiet:

a. Illi l-partijiet fl-ismijiet premessi huma wlied id-defunti Carmelo u Lucrezia Borg li mietu fis-7 ta' Mejju 2002 u fl-4 ta' Settembru 2019 rispettivament;

b. Illi l-eredita’ tad-defunta Lucrezia Borg hija regolata ai termini tat-testment pubbliku fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tal-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Jannar 2018;

c. Illi permezz tal-imsemmi testment, id-defunta Lucrezia Borg:

   i. Ddisponiet b’titolu ta’ prelegat a favur il-konvenuta rikonvenzjonanti kull sehem li hija kellha mid-dar fuq żewġ sulari bl-arja libera u mhux interrotta tagħha u s-sottoswol relattiv enumerat uffiċjalment mitejn, erbgħa u gltein (234), bl-isem *“Casa Borg”* fi Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll iż-żewġ garaxxijiet annessi mal-istess dar, wieħed kull naħa, enumerati uffiċjalment mitejn, tnejn u tletin (232) u mitejn u sitta u tletin (236), fl-istess triq, kif ukoll l-oġġetti kollha li jinsabu fl-istess dar *“ad limine intus”*, eskluż flus u titolu rappreżentanti flus kif ukoll ġojjelli u ħaġar prezzjuż;

   ii. Ddisponiet b’titolu ta’ prelegat a favur il-konvenuta rikonvenzjonanti kull sehem li hija kellha mill-kirjiet li hija kienet tirċievi fuq il-ħwienet ta’ Ħaż-Żabbar, fi Triq Alessio Erardi, u

   iii. Innominat u istitwiet lill-konvenuta rikonvenzjonanti bħala werrieta universali tagħha u padruna ssoluta ta’ ġidha kollu;

d. Illi mill-banda l-oħra, permezz tal-imsemmi testment, id-defunta Lucrezia Borg ordnat li r-rikorrenti rikonvenzjonata għandha tingħata l-porzjon riżservat spettanti lilha skont il-liġi;

e. Illi wara l-mewt t’omm il-kontendenti Lucrezia Borg, l-istess kontendenti kellhom diversi diskussjonijiet pożittivi tramite l-avukati tagħhom rigwardanti d-diviżjoni tal-ġid tal-ġenituri tagħhom;

f. Illi sfortunatament, pero’, ir-rikorrenti rikonvenzjonata għażlet li tipproċedi b’mod ġudizzjarju ħabta u sabta permez tar-Rikors Ġuramentat numru 658/21 AJD fl-ismijiet *Carmen Scerri vs Margerita*

*sive Margaret Saliba*, u dan wara li l-kontendenti kienu fi stadju avvanzat ta' negozjati bejniethom tant li kien hemm anke bażi soda ta' ftehim;

g. Illi għalhekk il-konvenuta rikonvenzjonanti ma kellhiex triq oħra għajr li tintavola l-kontro-talba odjerna sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tagħha u sabiex teżegwixxi t-testment tad-defunta Lucrezia Borg in atti tan-Nutar Henri Darmanin tal-24 ta' Jannar 2018;

h. Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti tiddikjara li hija taf personalment b'dawn il-fatti;

7. Il-konvenuta rikonvenzjonanti talbet għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

i. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn Carmelo u Lucrezia konjuġi Borg li mietu fis-7 ta' Mejju 2002 u fl-4 ta' Settembru 2019 rispettivament;

ii. Tillikwida l-assi partikolari ta' Lucrezia Borg u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjati u f'dawk il-beni li jistgħu jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża;

iii. Tiddikjara u tikkonferma li l-konvenuta rikonvenzjonanti hija legatarja ta' kull sehem li d-defunta Lucrezia Borg kellha mid-dar fuq żewġ sulari bl-arja libera u mhux interrotta tagħha u s-sottoswol relattiv enumerat uffiċjalment mitejn, erbgħa u tletin (234), bl-isem *Casa Borg*, fi Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll iż-żewġ garaxxijiet annessi mal-istess dar, wieħed kull naħa, enumerati uffiċjalment mitejn, tnejn u tletin (232) u mitejn u sitta u tletin (236) fl-istess triq, kif ukoll l-oġġetti kollha li jinsabu fl-istess dar *"ad limine intus"*, eskluż flus u titolu rappreżentanti flus kif ukoll ġojjelli u ħaġar prezzjuż;

iv. Tiddikjara u tikkonferma li l-konvenuta rikonvenzjonanti hija legatarja ta' kull sehem li d-defunta Lucrezia Borg kellha mill-kirjiet li hija kienet tirċievi fuq il-ħwienet ta' Ħaż-Żabbar, fi Triq Alessio Erardi;

v. Tiddikjara u tikkonferma li l-konvenuta rikonvenzjonanti hija werrieta universali u padruna assoluta tal-ġid kollu tat-testatriċi Lucrezia Borg, u dan skont it-testment tagħha in atti tan-Nutar Henri Darmanin tal-24 ta' Jannar 2018;

vi. Tillikwida l-assi kollha tad-defunta Lucrezia Borg a favur il-konvenuta rikonvenzjonanti ai termini tal-imsemmi testment;

vii. Tinnomina jekk ikun il-każ Perit Tekniku għall-finijiet tal-likwidazzjoni imsemmija; u

viii. Tinnomina Nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi tar-rikonvenzjonata u dan sabiex jiġu pubblikati l-atti relattivi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikonvenzjonata;

8. B'risposta għall-kontro-talba tar-rikonvenzjonanta Margerita sive Margaret Saliba, ir-rikorrenti rikonvenzjonata **Carmen Scerri** eċċepiet:

a. Illi fl-ewwel lok hemm qbil illi r-rikonvenzjonata u r-rikonvenzjonanta huma wlied id-defunti Carmelo u Lucrezia Borg;

b. Illi fit-tieni lok, m'huwiex minnu illi r-rikonvenzjonata intavolat il-proċeduri permezz tar-rikors ġuramentat numru 658/2021 "ħabta u sabta". Huwa minnu li kien hemm diversi korrispondenzi bejn il-partijiet rigward kif għandhom jiġu diviżi l-porzjonijiet spettanti lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, iżda hija r-rikonvenzjonanta illi baqgħet inadempjenti għal żmien twil bejn korrispondenza u oħra. Se mai, kienet ir-rikonvenzjonanta stess li kienet iddikjarat illi m'għandhiex minn fejn tħallas il-*causa mortis*, u b'hekk ir-rikonvenzjonata ma kellhiex triq oħra għajr illi tipproċedi bl-intavolar tar-rikors ġuramentat;

c. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikonvenzjonata dejjem imxiet mal-liġi u kienet intavolat att ġudizzjarju sabiex tinterpella lir-

rikonvenzjonanta sabiex tersaq għad-diviżjoni in kwistjoni permezz ta' ittra uffiċjali datata disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019);

d. Illi b'kull dovut rispetto, din il-kontro-talba tar-rikonvenzjonanta ġiet intavolata inutilment, jekk mhux ukoll futili la darba t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikonvenzjonanta huma indikati fit-talbiet tar-rikonvenzjonata fir-rikors ġuramentat tagħha, u abbażi tal-fatt ukoll illi min-naħa tar-rikonvenzjonata qatt ma kien hemm kontestazzjoni illi r-rikonvenzjonanta hija l-legatarja u l-werrieta universali u padruna assoluta ta' ommha Lucrezia Borg;

e. Illi għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq esposti, it-talbiet tar-rikonvenzjonanta għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 4720/19 stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

f. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

9. Waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru 2021, l-attriċi talbet illi jiġi maħtur Perit Legali sabiex jistabbilixxi l-valuri rispettivi tal-porzjonijiet riservati, kemm tal-attriċi kif ukoll tal-konvenuta, u dan skont id-dokumenti li ġew esebiti f'dawn il-proċeduri. Fin-nuqqas t'oppożizzjoni da parti tal-konvenuta, din il-Qorti laqgħet it-talba u nnominat għal dan il-għan lill-Avukat Dr Phullis Aquilina bħala Perit Legali, a spejjeż provviżorjament tal-attriċi.

**Il-Qorti**

10. Rat l-atti u l-provi preżentati;

11. Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dr Phyllis Aquilina ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2022, u

debitament maħluf fir-Reġistru tal-istess Qorti nhar il-ħdax (11) ta' Lulju 2022;

12. Rat in-nota ta' sottomissjoni tar-rikorrenti;

13. Rat ir-rikors tal-intimata datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2023 illi permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u tieħu konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi, bi żvista, ma kinitx ġiet preżenata fit-terminu lilha konċess minn din il-Qorti;

14. Rat id-digriet tagħha stess datat tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba magħmula mill-intimata permezz tar-rikors datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2023, u awtorizzat il-preżentazzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata;

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2023;

16. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

17. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Provi**

18. Mar-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti tannetti: (a) kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Carmelo Borg (**Dok CS1** a fol 7 *et seq* tal-proċess); (b) kopja tat-testment *unica charta* illi permezz tiegħu Carmelo Borg irregola l-wirt tiegħu, pubblikat fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar nhar l-erbgħa (4) ta' Frar 1997 (**Dok CS2** a fol 10 *et seq* tal-proċess); (c) kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Lucrezia Borg (**Dok CS3** a fol 14 tal-proċess); (d) kopja tat-testment ta' Lucrezia Borg, pubblikat fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin u datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2018 (**Dok CS4** a fol 15 *et seq* tal-proċess); (e) kopja tal-ittra uffiċjali datata disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2019, illi

permezz tagħha r-rikorrenti interpellat lill-intimata sabiex, bħala eredi tad-defunti ġenituri tagħha fejn huwa l-każ, tgħaddi sabiex timmitti lir-rikorrenti fil-pussess ta' dak spettanti lilha (**Dok CS5** a fol 20 tal-proċess); u (f) kopja ta' stejjem tal-valur tal-proprjetajiet soġġetti għad-diviżjoni, kif rilaxxata mill-Perit Robert Ellul Sciberras (**Dok CS6 sa CS15,** a fol 21 *et seq* tal-proċess);

19. Mar-risposta għall-kontro-talba, ir-rikorrenti rikonvenzjonata annettiet kopja ta' sensiela ta' korrispondenza illi għaddiet bejn l-Avukati tal-partijiet rispettivi qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna (**Dok CS16** a fol 66 *et seq* tal-proċess);

20. **Carmen Scerri**, fl-affidavit tagħha[1], tikkonferma illi hija t-tifla ta' Carmelo Borg u Lucrezia Borg, u li missierha miet nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju 2002, filwaqt illi ommha Lucrezia mietet fl-erbgħa (4) ta' Settembru 2019. Hija tgħid illi l-ġenituri tal-partijiet innominaw lilha u lil oħtha Margaret bħala l-uniċi werrieta tal-ġid kollu tagħhom iżda kien hemm klawsola oħra fl-istess testment fejn ġie stipulat illi jekk oħtha Margaret ma jkollhiex ulied, tiġi nominata Carmen bħala l-unika eredi ta' ommha u missierha u Margaret ikollha d-dritt ta' usufrutt fuq nofs l-assi ereditarji. Ir-rikorrenti ssostni illi ommha Lucrezia ddeċidiet li tbiddel it-testment tagħha, u dan billi għamlet testment ieħor fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2018 fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin, illi permezz tiegħu ommha kienet annullat, ħassret u kkanċellat kwalunkwe testment li kienet għamlet qabel, u ħalliet b'titolu ta' prelegat favur oħt ir-rikorrenti, u cioe l-konvenuta Margaret, kull sehem li ommhom kellha fuq il-fond bin-numru 234, *"Casa Borg"*, Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll kull sehem li kellha miż-żewġ garaxxijiet enumerati 232 u 236 fl-istess triq fejn jinsab il-fond, u kull sehem illi kellha mill-kirjiet li kienet tirċievi fuq il-ħwienet li jinsabu ġewwa Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar. Ir-rikorrenti spjegat illi hija ġiet informata min-Nutar u l-konsulenti legali tagħha illi hija l-unika werrieta ta' missierha Carmelo Borg, peress illi Margaret qatt ma kellha tfal, u li hija entitolata tieħu l-porzjon riservat mill-

[1] Vide dokument a fol 103-104 tal-proċess

wirt t'ommha. Mill-banda l-oħra, Margaret hija entitolata tiegħu l-porzjoni riservat lilha bil-liġi mill-wirt ta' missierhom, filwaqt illi hija l-unika werrieta t'ommhom. Filwaqt illi kkonfermat illi l-proprjetajiet elenkati fir-rikors ġuramentat kienu kollha proprjeta' akkwistata fiż-żwieġ, u cioe mhux parafernali, ir-rikorrenti tikkonferma wkoll illi dawn il-proprjetajiet ġew stmati mill-Perit Robert Ellul Sciberras mal-mewt t'omm il-partijiet fis-sena 2019, bl-istejjem annessi mar-rikors ġuramentat;

21. Ir-rikorrenti tkompli l-affidavit tagħha billi tgħid illi hija kienet avviċinat avukat fis-sena 2019, u kienet qaltlu li xtaqet tavviċina lil oħtha Margaret sabiex jersqu għad-diviżjoni għall-wirt tal-ġenituri tagħhom, u l-avukat kien bagħat ittra uffiċjali lil oħtha, minn fejn, imbagħad, bdiet il-korrispondenza bejn l-avukat tagħha u l-avukat ta' Margaret. Ir-rikorrenti tgħid illi hija ma taqbilx m'oħtha fejn, fir-risposta tagħha, tgħid illi l-proċeduri bdew ħabta u sabta, għaliex l-avukat tagħha kien bagħat diversi korrispondenzi lill-avukat ta' Margaret sabiex tiġi diskussa d-diviżjoni bl-għan illi jevitaw il-proċeduri quddiem il-Qorti. Pero, tkompli r-rikorrenti, l-avukat tagħha ottjena informazzjoni mill-avukat ta' Margaret illi Margaret ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas il-*causa mortis* t'ommhom, apparti illi l-avukat tagħha kien bagħat ukoll korrispondenza lill-avukat ta' Margaret fit-tlieta (3) ta' Ġunju 2021 illi fiha avża lill-istess Avukat li jekk ma kienx ser jirċievi risposta fil-viċin, kienu ser jittieħdu proċeduri ġudizzjarji. Meta l-avukat tar-rikorrenti baqa' ma sema xejn, intavola l-proċeduri odjerni. Ir-rikorrenti ttemm l-affidavit tagħha billi tgħid illi dak illi qiegħda titlob lil din il-Qorti huwa li l-ewwelnett tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-ġenituri tal-partijiet, u sabiex tiddividi l-ġid kollu tagħhom, u dak il-ġid u porzjon li jgħajjat lilha bħala l-eredi universali ta' missierha u dak li huwa riservat lilha skont il-liġi mill-ġid t'ommhom;

22. Ir-rikorrenti esebiet ukoll vera kopja ta' nota ta' insinwa tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* ta' missierha Carmelo Borg, datata tnax (12) ta' Frar 2004 u pubblikata fl-atti tan-Nutar Dr Herbert Cassar (a fol 107 *et seq* tal-proċess);

23. Fl-affidavit tagħha[2], **Margerita sive Margaret Saliba** tgħid illi lill-ġenituri tagħha dejjem ħadet ħsiebhom hi waħedha, speċjalment lil ommha, li b'kollox għamlet kważi sbatax-il sena tieħu ħsiebha minn meta miet missierhom fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2002 sakemm mietet hi fl-erbgħa (4) ta' Settembru 2019. Il-konvenuta ssostni illi ftit jiem wara li miet missierha, kien ċemplilha r-raġel ta' Carmen u qalilha biex taqbad bagalja u tmur tieħu ħsieb lil ommha, u minkejja illi pruvat tilħaq kemm-il kompromess m'oħtha biex jieħdu ħsiebha ġimgħa kull wieħed, Carmen kienet qaltilha illi ma tistax għax għandha t-tfal, b'dana illi għalhekk il-konvenuta ma kellhiex triq oħra għajr illi tippakkja ħwejjiġha u tmur għand ommha, filwaqt illi ħalliet lil żewġha Grezzju warajha fid-dar tagħhom. Il-konvenuta tgħid illi fis-snin kollha li għamlet iddur b'ommha, hi u żewġha kienu jiltaqgħu biss għall-ikel, u dan peress illi apparti li tieħu ħsiebha, kienet ukoll iżżommilha d-dar nadifa, issajrilha, u tagħmel kwalsiasi faċenda li hi kien ikollha bżonn. Għalkemm ma kien jiddispjaċiha xejn li ħadet ħsiebha, il-konvenuta tammetti illi kienet tħoss weġgħa ta' qalb meta tara lil oħtha Carmen mingħajr interess f'ommha, tant li qatt m'offritilha li tieħu ħsiebha hi, imqar għal ftit jiem, jew fil-*weekend* biex il-konvenuta tgawdi ftit ħin ma' żewġha, u dan għaliex kienet iġġib l-iskuża b'uliedha. Il-konvenuta tissokta tgħid illi fit-tlieta (3) ta' Settembru 2020, u cioe sena wara li mietet ommhom, l-istess oħtha li dejjem kienet indisposta biex tieħu ħsieb lil ommhom jew imqar tara x'kien ikollha bżonn, bagħtitilha ittra bl-avukat fejn talbitha sabiex jintlaħaq ftehim dwar l-assi tal-ġenituri tagħhom, u dan mingħajr ma kienet qatt avviċinata qabel sabiex jirranġaw l-affarijiet bejniethom. Da parti tagħha, il-konvenuta tgħid illi ma riditx inkwiet, u għalhekk marret għand l-avukat tal-fiduċja tagħha sabiex tiggwidaha hi, minn fejn skatta proċess ta' negozjar bejnha u bejn oħtha tramite l-avukati rispettivi. Madanakollu, tkompli l-konvenuta, oħtha temmet ħesrem dawn in-negozjati billi pproċediet bil-kawża odjerna sabiex issir id-diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tagħhom;

[2] A fol 115-116 tal-proċess

24. Dwar il-mertu tal-kawża odjerna, il-konvenuta tibda billi tagħmel referenza għat-testmenti li jirregolaw l-eredita' tal-ġenituri tagħhom, u cioe t-testment *unica charta* tal-4 ta' Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar illi permezz tiegħu missierhom istitwixxa bħala l-unika werrieta universali tal-ġid kollu tiegħu lil oħtha Carmen, soġġett nofs l-assi ereditarji għall-użufrutt favur Margaret, u t-testment ta' ommha Lucrezia Borg, datat 24 ta' Jannar 2018 fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin, illi permezz tiegħu (i) iddisponiet b'titolu ta' prelegat favur Margaret kull sehem spettanti lilha mid-dar bin-numru 234, *Casa Borg,* Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll iż-żewġ garaxxijiet annessi mal-istess dar, u l-oġġetti kollha fihom; (ii) iddisponiet b'titolu ta' prelegat favur Margaret kull sehem illi hija kellha mill-kirjiet li kienet tirċievi fuq il-ħwienet ta' Ħaż-Żabbar, Triq Alessio Erardi; (iii) innominat lil Margaret u istitwieta bħala werrieta universali tagħha u padruna assoluta ta' ġidha kollu u (iv) ordnat li oħtha Carmen għandha tingħata l-porzjon riservat spettanti lilha skont il-liġi. Il-konvenuta ssostni illi minkejja oħtha kienet ġiet istitwita bħala l-werrieta universali u l-padruna assoluta tal-ġid kollu ta' missierhom, hija qatt ma talbet il-wirt ta' missierhom fit-terminu tal-għaxar (10) snin li tistipula l-liġi. Fil-fatt, l-ewwel darba li talbet sabiex tiġi konfermata bħala werrieta ta' missierhom kien proprju fir-Rikors Ġuramentat li hi ppreżentat fis-6 ta' Lulju 2021, cioe kważi dsatax-il sena wara mewtu, b'dana għalhekk illi t-talba t'oħtha hija ormai preskritta.

**Il-Proprjeta' soġġetta għad-Diviżjoni**

25. Jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-proprjeta' immobbli soġġetta għad-diviżjoni, u l-istejjem relattivi tal-Perit Robert J Ellul Sciberras. Difatti, waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jaqblu dwar il-valuri, u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa illi jiġi nominat Perit ieħor sabiex jiġu stabbiliti l-valuri tal-proprjeta' relattiva[3];

[3] Vide verbal a fol 111 tal-proċess

26. Jirriżulta mir-rikors ġuramentat illi l-proprjeta’ soġġetta għad-diviżjoni hija s-segwenti:

a. Il-*maisonette* numru 87, Triq San Mikiel, Fgura, stmata fil-valur ta’ €170,000[4];

b. Il-ħanut magħruf bl-isem *Movie Magic* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar, soġġett għal kirja ta’ c. €1,321.46 *per annum*, stmat fil-valur ta’ €95,000[5];

c. Il-garaxx numru 232, Triq San Tumas, Fgura, stmat fil-valur ta’ €90,000[6];

d. Il-fond bl-isem *Casa Borg* numru 234, inkluż il-garaxx, Triq San Tumas, Fgura, stmat fil-valur ta’ €480,000[7];

e. Il-ħanut magħruf bl-isem *Friends Bar* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar, soġġett għal kirja ta’ c. €1,700 *per annum*, stmat fil-valur ta’ €120,000[8];

f. Il-ħanut magħruf bl-isem *Soleil Hair Studio* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar, soġġett għal kirja ta’ c. €1,700 *per annum*, stmat fil-valur ta’ €80,000[9];

g. Il-ħanut magħruf bl-isem *Fraben Boutique* fi Triq il-Baħrija, Żabbar, soġġett għal kirja ta’ c. €850 *per annum*, stmat fil-valur ta’ €35,000[10];

h. Il-ħanut magħruf bħala *Lantas Pet Shop* fi Triq il-Baħrija c/w Triq Alessio Erardi, Żabbar, soġġett għal kirja ta’ c. €2,124 *per annum*, stmat fil-valur ta’ €110,000[11];

---

[4] Stima a fol 30 tal-proċess
[5] Stima a fol 40 tal-proċess
[6] Stima a fol 26 tal-proċess
[7] Stima a fol 28 tal-proċess
[8] Stima a fol 42 tal-proċess
[9] Stima a fol 38 tal-proċess
[10] Stima a fol 36 tal-proċess
[11] Stima a fol 32 tal-proċess

i. Il-garaxx magħruf bl-isem *Lucky Garage* fi Triq il-Baħrija, Żabbar, soġġett għal kirja ta' c. €1,375.34 *per annum*, stmat fil-valur ta' €38,000[12];

27. Il-proprjeta' immobbli soġġetta għalhekk għad-diviżjoni kif rikjesta mill-partijiet tammonta f'valur kumplessiv ta' **€ 1,218,000**;

28. Il-Qorti tinnota wkoll illi, fir-Rapport tagħha, il-**Perit Legali Dr Phyllis Aquilina** tindika wkoll illi, skont in-nota tal-insinwa dwar l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* pubblikat fit-12 ta' Frar 2004 min-Nutar Dottor Herbert Cassar dwar l-eredita' ta' Carmelo Borg, issir referenza wkoll għal qabar fiċ-ċimiterju ta' Sant'Andrija, Ħaż-Żebbuġ, illi wkoll kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwist viġenti bejn Carmelo u Lucrezia konjuġi Borg[13].

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. Eċċezzjoni dwar Preskrizzjoni*

29. Il-Qorti tqis illi, fl-ewwel lok, għandha tindirizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta fir-rigward tas-sitt talba tar-rikorrenti, permezz ta' liema talba ir-rikorrenti qed titlob illi tiġi kkonfermata minn din il-Qorti bħala l-eredi ta' missierha Carmelo Borg. Il-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 845(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kif ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*

---

[12] Stima a fol 34 tal-proċess

[13] Vide paragrafu 9 f'paġna 5 tar-Rapport tal-Perit Legali, a fol 132 tal-proċess, u l-paragrafu 10 tad-dokument a fol 107 *et seq* tal-proċess

30. Fir-rapport tagħha, il-Perit Legali tindirizza wkoll din l-eċċezzjoni u tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet[14]:

> *16. F'dan il-każ, ma jirriżultax li l-attriċi talbet ġudizzjarjament il-wirt ta' missierha qabel preżentat din il-kawża. Madankollu, il-kontendenti flimkien ma' ommhom Lucrezia Borg kienu ddikjaraw fil-kuntratt ta' dikjarazzjoni* causa mortis *pubblikat fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar tat-12 ta' Frar 2004 kif ġej:*
>
> *'Illi in forza ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-erbgħa ta' Frar elf disa' mija sebgħa u disgħin (4-2-1997), Carmelo Borg ħalla l-usufrutt ta' ġidu favur martu Lucrezia Borg, innomina bħala eredi ta' nofs ġidu in piena proprieta lil bintu Carmen Scerri, ħalla l-usufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor lil bintu Margaret Saliba, u ħalla n-nuda proprieta tal-istess nofs indiviż ta' ġidu lit-tfal naxxituri ta' bintu Margaret Saliba, u f'każ ta' nuqqas ta' tfal da parti ta' Margaret Saliba huwa innomina bħala eredi tiegħu lil bintu Carmen Scerri soġġett nofs l-assi ereditarji għall-usufrutt favur ta' Margaret Saliba.*
>
> *Illi l-komparenti kollha iddikjaraw illi sallum Margaret Saliba ma kellhiex tfal u lanqas huwa possibbli li fil-futur ikollha t-tfal, u għaldaqstant l-artikolu rigwardanti t-tfal naxxituri għandu jiġi dikjarat bla effett legali.'*
>
> *Minn din id-dikjarazzjoni ta' fatt li għamlu l-kontendenti flimkien ma' ommhom, jirriżulta ċar li <u>l-konvenuta kienet qed tirrikonoxxi u taċċetta</u> lil oħtha Carmen Scerri, attriċi*

[14] Vide p 6-9 tar-Rapport tal-Perit Legali, a fol 133 *et seq* tal-proċess

*f'din il-kawża, bħala l-unika eredi ta' missierhom, soġġett għall-użufrutt ta' nofs l-assi ereditarji tiegħu. Għalkemm l-**art. 33(5) tatl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti** (Kap 364 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi li 'l-werrieta jew il-legatarji li ma jkunux bi ħsiebhom jew li ma jkunux għadhom iddikjaraw li bi ħsiebhom jaċċettaw il-wirt jew il-legat jistgħu madankollu jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), iżda dik id-dikjarazzjoni ma għandhiex minnha nnifisha tkun prova li dak il-werriet jew legatarju jkun aċċetta l-wirt jew il-legati mħolli lilu', f'dan il-każ id-dikjarazzjoni saret b'mod ċar mill-attriċi Carmen Scerri, li lilha tħalliet l-eredita', u kienet aċċettata wkoll mill-konvenuta, li lilha tħalla biss legat fuq l-istess assi ereditarju.*

31. Tkompli tikkonsidra wkoll il-Perit Legali:

*17. Aktar minn hekk, pero', kuntrarjament għal dak eċċepit mill-konvenuta, il-Qrati tagħna kostantement irritenew li l-preskrizzjoni stipulata f'din id-disposizzjoni (**art 845(1)**, Kap 16) hija ta' natura akkwiżittiva u mhux estintiva, fis-sens li biex tintilef l-azzjoni biex jintalab wirt, dak il-wirt irid ikun ġie akkwistat bil-preskrizzjoni akkwiżittiva deċennali minn min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għat-telfien tal-azzjoni.*

32. Sabiex tissostanzja l-argument tagħha, il-Perit Legali tagħmel referenza estensiva għal dak illi ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmen Abela vs Mario Galea et***[15], u tkompli hekk:

[15] Rik Ġur 716/2015/LSO, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ L Schembri Orland, 30 t'Ottubru 2018 (in ġudikat)

*Proprju minħabba din in-natura akkwiżittiva, sabiex jirnexxi fl-eċċezzjoni tiegħu, min jeċċepixxi din il-preskrizzjoni għandu mhux biss jipprova t-trapass ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni, imma wkoll il-pussess tiegħu,* anomo domini*, għar-rigward tal-ħwejjeġ reklamati, bir-rekwiżiti kollha elenkati fl-**art 2107*** *tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt, fis-sentenza fuq ċitata **Abela vs Galea et**, din il-Qorti diversament presjeduta kompliet tgħid li:*

> *'[K]if ritenut ripetutivament fil-ġurisprudenza, ladarba l-preskrizzjoni ai termini tal-**artikolu 845 tal-Kap 16** hija preskrizzjoni akwiżittiva, għalhekk jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss id-dekorriment taż-żmien, iżda l-elementi stipulati **fl-artikolu 2107 tal-Kodiċi Ċivili**.*
>
> ***2107.** (1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi."... Fil-każ **Alfred Cachia et vs Carmelo Cachia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017 ingħad:*
>
> *"Il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 845 titqies waħda akwiżittiva u għalhekk teħtieġ mhux biss il-mogħdija ta' żmien iżda wkoll il-pussess, bil-kwalitajiet kolha li jrid l-artikolu 2107(1) tal-Kodiċi Ċivili – fosthom li jkun "mhux ekwivoku" – f'idejn dak li jressaq l-eċċezzjoni. Fil-każ tal-lum, iżda, il-pussess tal-konvenut huwa ekwivoku, għax huwa pussess ta' komproprjetarju u għalhekk mhux inkompatibbli mal-komproprjeta' tas-sidien l-oħra. Għalhekk*

*billi jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'."*

*18. Din l-interpretazzjoni, u l-ħtieġa li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni skond l-**art 845** tal-Kodiċi Ċivili jipprova l-elementi kollha meħtieġa biex tirnexxi l-preskrizzjoni deċennali kif mitlub fl-**art 2140** tal-Kodiċi Ċivili, kienet konfermata sa riċentement mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Muscat et vs Mariano Farrugia et*** [1.12.2021].

*19. F'dan il-każ, l-esponenti jidhrilha li l-konvenuta ma ppruvatx li hija kellha l-pussess fattwali jew legali esklussiv, b'mod pubbliku u inekwivoku, u bħala sid, tal-kwota li kellu missier il-kontendenti mill-ġid komuni, għal żmien għaxar snin kontinwi wara l-mewt tiegħu, u mingħajr ebda interruzzjoni.*

*20. Konsegwentement, fil-fehma tal-esponenti, din l-eċċezzjoni tal-konvenuta ma tistax tirnexxi.*

33. Wara li rat il-konklużjonijiet li waslet għalihom l-abbli Perit Legali, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn għandha tiddipartixxi mill-istess konklużjonijiet;

34. Il-Qorti tinnota illi filwaqt illi waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Lulju 2022 il-partijiet informaw lil din il-Qorti illi xtaqu jeskutu lill-Perit Legali[16], konsegwentement, waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2022[17], il-partijiet informaw lil din il-Qorti illi ma kellhomx mistoqsijiet in eskussjoni x'jagħmlu lill-istess Perit Legali. In oltre, l-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tiddikjara illi qiegħda taqbel mal-

[16] Vide verbal a fol 142 tal-proċess
[17] Vide verbal a fol 144 tal-proċess

konsiderazzjonijiet u konklużjoni tal-Perit Legali f'dan ir-rigward[18], filwaqt illi l-konvenuta ma qajmet l-ebda oġġezzjoni dwar il-konklużjonijiet illi waslet għalihom il-Perit Legali fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Difatti, il-konvenuta lanqas tittratta l-punt tal-preskrizzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, b'dana illi donnha mhix qiegħda tinsisti dwarha;

35. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tikkonkludi illi l-partijiet qegħdin għalhekk jaqblu wkoll mal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Perit Legali, u l-Qorti sejra għalhekk tabbraċċja l-punti legali u l-konklużjoni illi waslet għalihom il-Perit Legali u tagħmilhom tagħha, b'dana illi konsegwentement **tiċħad** l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta fis-sitt (6) paragrafu tar-risposta ġuramentata tagħha, u dan għall-istess raġunijiet esposti mill-Perit Legali fir-Rapport tagħha.

*B. Dwar is-Sehem spettanti lill-partijiet mill-Eredita' ta' Carmelo Borg*

36. Jirriżulta mit-testment *unica charta* illi permezz tiegħu Carmelo Borg irregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu, pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar nhar l-erbgħa (4) ta' Frar 1997, illi, peress illi l-konvenuta, fil-punt illi fih ġie nieqes Carmelo Borg, ma kellhiex ulied:

- Omm il-partijiet **Lucrezia Borg** akkwistat l-użufrutt fuq il-ġid kollu tiegħu (**It-Tieni Artikolu**);

- L-attriċi **Carmen Scerri** ġiet nominata werrieta universali u padruna assoluta tal-ġid tiegħu kollu (**Ir-Raba' Artikolu**); u

- Il-konvenuta **Margerita Saliba** akkwistat l-użufrutt fuq nofs l-assi ereditarji tiegħu (**Is-Sitt Artikolu**);[19]

[18] Vide p 3 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, a fol 147 tal-proċess
[19] Vide **Dok CS2** a fol 12 tal-proċess

37. Hekk kif ġia ġie senjalat aktar ‘il fuq, jidher illi dan il-fatt ma ġiex kontestat mill-partijiet, illi, fid-dikjarazzjoni ta’ trasferiment *causa mortis* ta’ Carmelo Borg pubblikata fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar nhar it-tnax (12) ta’ Frar 2004[20], iddikjaraw,

> *Illi in forza ta’ testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-erbgħa ta’ Frar elf disa’ mija sebgħa u disgħin (4-2-1997), Carmelo Borg ħalla l-usufrutt ta’ ġidu favur martu Lucrezia Borg, innomina bħala eredi ta’ nofs ġidu in piena proprieta lil bintu Caren Scerri, ħalla l-usufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor lil bintu Margaret Saliba, u ħalla n-nuda proprieta tal-istess nofs indiviż ta’ ġidu lit-tfal naxxituri ta’ bintu Margaret Saliba, u f’każ ta’ nuqqas ta’ tfal da parti ta’ Margaret Saliba huwa innomina bħala eredi tiegħu lil bintu Carmen Scerri soġġett nofs l-assi ereditarji għall-usufrutt favur ta’ Margaret Saliba.*
>
> *Illi l-komparenti kollha iddikjaraw illi sallum Margaret Saliba ma kellhiex tfal u lanqas huwa posibbli li fil-futur ikollha t-tfal, u għaldaqstant l-artikolu rigwardanti t-tfal naxxituri għandu jiġi dikjarat bla effett legali.*

38. Mill-valuri tal-proprjeta’ immobbli suesposti, illi, fl-assjem tagħhom, iwasslu għas-somma ta’ €1,218,000, jirriżulta illi sehem Carmelo Borg kellu valur ta’ sitt mija u disat elef Ewro (**€609,000**), u cioe nofs il-valur kumplessiv;

39. Dwar il-valur tal-użufrutt fuq l-assi ereditarji ta’ Carmelo Borg, il-Perit Legali tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *Min-numru tal-karta tal-identita’, jidher li l-konvenuta twieldet fis-sena 1955, u għalhekk fid-data tal-mewt ta’*

[20] Vide dokument a fol 107 *et seq* tal-proċess

*Lucrezia Borg, meta allura sar konsegwibbli dan il-legat, hija kellha 64 sena. Skond l-iSkeda annessa mar-Regolamenti dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u fin-nuqqas ta' metodu ieħor fil-liġi għall-kalkolu tal-valur tiegħu, il-valur tal-użufrutt imħolli mill-missier Carmelo Borg lill-kovenuta jinħadem bir-rata ta' 20% fuq il-valur ta' nofs il-ġid li kellu. Skond il-provi prodotti, il-valur ta' dan l-użufrutt imħolli lill-konvenuta Margaret Saliba jammonta għal €60,900.*

40. Skont Regolament 3(3) tar-Regolamenti dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (LS 364.06), illi għalihom tagħmel referenza l-Perit Legali:

*Il-valur ta' l-użufrutt ta' kull proprjeta' fid-data rilevanti għandu jiġi stabbilit kif ġej:*

*(a) meta ż-żmien ta' l-użufrutt ikun għal tul il-ħajja ta' l-użufruttwarju jew għal kull perijodu indefinit ieħor, il-valur ta' l-użufrutt ikun il-perċentaġġ tal-valur tal-proprjeta' assoluta kif muri fl-Iskeda maħdum skond l-eta' ta' l-użufruttwarju f'dik id-data; b'dan illi meta użufrutt jgħaddi għal għand diversi persuni flimkien jew waħda wara l-oħra, jew flimkien u waħda wara l-oħra, u jkunu jgħoddu d-disposizzjonijiet ta' l-Att, il-valur ta' l-użufrutt għandu jiġi stabbilit skond l-eta' ta' l-iżgħar minn dawk il-persuni fid-data rilevanti;*

Skont l-iSkeda msemmija f'dan ir-Regolament, meta l-użufruttwarju jkun għalaq is-sittin sena iżda ma jkunx għalaq is-sebgħin sena, il-valur tal-użufrutt jiġi kalkolat bħala għoxrin fil-mija (20%) tal-valur tal-proprjeta' assoluta, preċiżament kif ġie kalkolat mill-Perit Tekniku f'dan il-każ;

41. Is-Sitt Artikolu tat-testment ta' Carmelo Borg jistabbilixxi illi, *"B'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewthom it-tnejn, it-testaturi jħallu lil binthom*

*Margaret l-usufrutt ġenerali fuq nofs indivis tal-ġid tagħhom kollha presenti u futuri mobbli u immobbli"*, b'dana illi għalhekk jidher illi l-użufrutt għandu jiġi kalkolat mid-data tal-mewt ta' Lucrezia Borg, u dan anke in konsiderazzjoni tal-fatt illi, fit-Tieni Artikolu tal-istess testment *unica charta*, Carmelo Borg u martu Lucrezia kienu ħallew lil xulxin *"l-usufrutt ġenerali tal-ġid tagħhom kollu presenti u futuri, mobbli w immobbli"*. Għaldaqstant jidher illi, anke f'dan ir-rispett, il-Perit Legali kienet korretta fil-kalkoli tagħha, meta kkonsidrat bħala *'data rilevanti'* id-data tal-mewt ta' Lucrezia Borg;

42. Din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta biċ-ċifra illi waslet għaliha l-Perit Legali f'dak illi huwa l-valur tal-użufrutt illi għalihom kienu soġġetti nofs l-assi ereditarji ta' Carmelo Borg, u cioe:

€ 609,000 ÷ 2 = € 304,500 x 20% = **€ 60,900**

43. Meta wieħed inaqqas din iċ-ċifra mill-valur globali tal-assi ereditarji ta' Carmelo Borg, jirriżulta għalhekk illi s-sehem spettanti mill-assi ereditarji ta' Carmelo Borg lill-attriċi bħala l-werrieta universali huwa kif isegwi:

€ 609,000 - € 60,900 = **€ 548,100**

*C. Dwar is-Sehem spettanti lill-partijiet mill-Eredita' ta' Lucrezia Borg*

44. Minkejja illi kienet għamlet it-testment *unica charta* flimkien ma' żewġha, Lucrezia Borg biddlet it-testment tagħha, b'dana illi l-aħħar testment tagħha, u cioe t-testment illi bih irregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha, ġie pubblikat fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2018[21]. Permezz ta' dan it-testment, Lucrezia Borg:

- Ħalliet b'titolu ta' prelegat lil **Margherita Saliba** kull sehem li hija għandha mid-dar fuq żewġ sulari bl-arja libera u mhux interrotta

[21] Vide **Dok CS4** a fol 15 *et seq* tal-proċess

tagħha, u s-sottoswol relattiv enumerata uffiċjalment 234, *"Casa Borg"*, Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll iż-żewġ garaxxijiet annessi mal-istess dar (**It-Tieni Artikolu**);

- Ħalliet b'titolu ta' prelegat lil **Margherita Saliba** kull sehem li hija kellha mill-kirjiet li kienet tirċievi fuq il-ħwienet fi Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar (**It-Tielet Artikolu**);

- Innominat u istitwixxiet bħala eredi universali tagħha lil **Margherita Saliba** (**Ir-Raba' Artikolu**); u

- Ordnat li **Carmen Scerri** tieħu l-porzjon riservat skont il-liġi (**Is-Sitt Artikolu**);

45. Hekk kif ikkonkludiet ukoll il-Perit Legali fir-Rapport tagħha, il-porzjon riservat (illum magħruf bħala *sehem riservat*) huwa regolat mill-Artikolu 615 *et seq* tal-Kap 16, u cioe:

> ***615.*** *(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

***616.*** *(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

*[...]*

***620***. *[...]*

*(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*

46. Tikkumenta l-Perit Legali kif isegwi[22]:

*28. Ma tressqu ebda provi dwar dejn tal-eredita', jew spejjeż tal-funerali. Inoltre, l-esponenti ma tqisx li d-dikjarazzjoni tat-testatriċi Lucrezia Borg fil-Ħames Artikolu tat-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tal-24 ta' Jannar 2018 tibbasta biex jitqies li l-valur tal-benefiċċju ereditarju li ħalliet lill-konvenuta huwa fl-intier tiegħu dejn tal-wirt minħabba s-serviġi pprestati lilha mill-konvenuta. Id-dikjarazzjoni magħmula tixhed ċar li t-testatriċi kienet grata ħafna lejn il-konvenuta għas-serviġi li pprestatilha, mingħajr pero' ma kienet tqis ruħha debitriċi tagħha f'dak ir-rigward. F'kull*

[22] Vide p 11 tar-Rapport, a fol 138 tal-proċess

*każ, il-konvenuta ma ressqet ebda kontro-talbiet dwar din il-kwistjoni.*

*29. Billi f'dan il-każ, Lucrezia Borg kellha żewġt ulied, is-sehem riżervat dovut lill-attriċi jammonta għall-kwota ta' sest indiviż (1/6) kalkolat fuq il-valur tal-assi ereditarju tagħha. Ma jirriżultax li l-eredita' ta' Lucrezia Borg kellha djun, u għalhekk il-valur tas-sehem riżervat favur l-attriċi, kalkolat fuq l-istess valur ta' €609,000 (sitt mija u disat elef Ewro) għall-immobbli stmati, li minnhom Lucrezia Borg kellha nofs indiviż, jiġi jammonta għal €101,500.*

47. Din il-Qorti taqbel mal-kalkoli illi għamlet il-Perit Legali fit-termini tal-Artikolu 616(1) tal-Kap 16, u qiegħda b'hekk tikkonferma l-valur tas-sehem riżervat favur l-attriċi kif isegwi:

1/2 (għax il-valur tal-beni ser jinqasam bejn żewġ ulied) x 1/3 = 1/6
1/6 x € 609,000 = **€ 101,500**

48. Konsegwentement, għalhekk, il-valur tal-beni ereditarji spettanti lill-konvenuta mill-eredita' ta' Lucrezia Borg huwa:

€ 609,000 - € 101,500 = **€ 507,500**

*D. Dwar il-Ħlas t'Imgħax fuq il-Ħlas dovut lir-Rikorrenti bħala Sehem Riżervat mill-Eredita' t'Ommha*

49. Ir-rikorrenti titlob ukoll il-ħlas t'imgħax fuq il-ħlas dovut lilha bħala sehem riżervat mill-eredita' ta' ommha;

50. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-intimata tissottometti, *"Illi l-esponenti taqbel mal-likwidazzjoni u qasma ta' ġid kif proposta mill-perit legali,* ***salv għall-kalkolu tal-imgħax bir-rata ta' 4% fis-sena fuq is-sehem***

***riservat.'***[23]. L-intimata ssostni illi meta ġiet ippreżentata l-kawża odjerna, il-partijiet kienu fi stadju avvanzat ta' trattattivi, u l-unika diffikolta' li kien fadal kienet li l-intimata ma kellhiex fondi biex tħallas l-ispejjeż tal-*causa mortis*, liema kwestjoni setgħet faċilment ġiet riżolta malli jinbiegħ l-ewwel post u minn sehem l-intimata kien jitħallas dak dovut għall-*causa mortis* li tiġi ppubblikata kontestwalment mal-kuntratt ta' bejgħ;

51. Din il-Qorti rat illi l-Perit Legali użat id-diskrezzjoni mogħtija fil-*proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kap 16, u rrakkomandat illi l-imgħax ikun fir-rata ta' erbgħa fil-mija (**4%**) fis-sena, b'effett mid-data tal-mewt ta' Lucrezia Borg (l-4 ta' Settembru 2019) sad-data tal-effettiv pagament. Il-Perit Legali jidher illi ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi, sa mill-inqas Ottubru 2020, u cioe qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, kienet għaddejja sensiela ta' korrispondenza bl-intiż illi tinsab soluzzjoni amikevoli għall-vertenza bejn il-partijiet[24];

52. Minn din il-korrispondenza jirriżulta illi ntbagħtu s-segwenti *e-mails*:

   i. **24 ta' Settembru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti illi fiha l-legali tagħha informa lil-legali tal-intimata illi ma kellu l-ebda problema illi jiġi indikat in-Nutar indikat, pero kellu jikkonsulta mal-klijenti tiegħu. Mill-kontenut ta' din l-*e-mail*, din il-Qorti tieħu l-impressjoni illi ġia kien hemm diskussjonijiet dwar id-diviżjoni mertu ta' din il-kawża;

   ii. **15 t'Ottubru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha l-legali tagħha ikkonferma illi kienu qed jaqblu illi jiġi nkarigat in-Nutar suġġerit mill-intimata;

   iii. **19 t'Ottubru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata illi fiha l-legali tagħha informat lil-legali tal-intimata illi l-intimata kienet ser tipprova tottjeni l-flus biex tkun tista' tagħmel il-*causa mortis* qabel isir

[23] Vide paġna 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata, a fol 154 tal-proċess
[24] Vide **Dok CS16** anness mar-risposta ġuramentata għall-kontro-talba, a fol 66 *et seq* tal-proċess

il-kuntratt ta' diviżjoni. Hija kellha tinforma lir-rikorrenti kif ikollha l-flus f'idejha sabiex jipproċedu bid-diviżjoni;

iv. **19 t'Ottubru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha l-legali tagħha irrikonoxxa l-*e-mail* spedita għan-nom tal-intimata;

v. **19 ta' Novembru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha l-legali tagħha informa lil-legali tal-intimata illi filwaqt illi l-klijenti tiegħu kienu lesti jistennew, issa li kien hemm qbil dwar fuq x'ser jieħu kulħadd, ir-rikorrenti kienet qed tippretendi illi l-kirjiet tal-proprjeta' illi kienet ser tgħaddi f'idejha tibda tirċevihom hi;

vi. **13 ta' Diċembru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata, illi fiha l-legali tagħha informat lil-legali tar-rikorrenti illi wara illi għamlet il-kalkoli finanjarji tagħha, hija rrealizzat illi d-diviżjoni kif kienet ipproponiet hi stess, cioe illi hija tiġi assenjata d-dar ta' Triq San Tumas filwaqt illi oħtha tiġi assenjata l-kumplament, m'hijiex waħda ekwa, u li la kellha l-flus biex tħallas il-*causa mortis* u tkun tista' tipproċedi għad-diviżjoni tal-prorjeta', u lanqas biex tirranġa l-post ta' Triq San Tumas. Hija għalhekk irtirat din il-proposta, u pproponiet illi jew jinbiegħu l-proprjetajiet kollha u r-rikavat jiġi diviż ugwalment bejn il-partijiet, jew, b'mod alternattiv, tinbiegħ id-dar ta' triq San Tumas u l-kumplament tal-immobbli jinqasmu bejn il-partijiet skont il-valur tagħhom;

vii. **14 ta' Diċembru 2020** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha l-legali tagħha informa lil-legali tal-intimata illi kien ser jikkomunika mal-klijenti tiegħu;

viii. **6 ta' Jannar 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata b'talba għal informazzjoni;

ix. **12 ta' Jannar 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti illi fiha indikat dak illi kienet qed tippretendi, u cioe dak illi qiegħed jiġi mitlub f'dil-kawża. **Ġie indikat illi, *"Fin-nuqqas il-klijenta tiegħi ser tipproċedi skond il-liġi sabiex jieħdu dak li hu tagħha."*;**

x. **12 ta’ Jannar 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata illi fiha l-legali tagħha talbet pjan tal-qasma kif propost mir-rikorrenti;

xi. **24 ta’ Frar 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha l-legali tagħha informa lil-legali tal-intimata illi r-rikorrenti kienet lesta taċċetta l-garaxxijiet / ħwienet u l-*masionette*, filwaqt illi l-intimata tieħu d-dar u ż-żewġ garaxxijiet magħha. **Reġa’ ġie kjarifikat illi, *“Jekk il-klijenta tiegħek għandha xi proposta oħra, il-klijenta tiegħi disposta tikkonsidra. Fin-nuqqas il-klijenta tiegħi ser tipproċedi għad-diviżjoni tal-beni ġudizzjarjament. [...]”*;**

xii. **24 ta’ Frar 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata illi fiha l-legali tagħha informat lil-legali tar-rikorrent illi kienet ser tiddiskuti l-proposta mal-klijenta tagħha;

xiii. **29 ta’ Marzu 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha l-legali tagħha talbet lil-legali tal-intimata għal informazzjoni;

xiv. **17 t’April 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata, bi pjan ta’ qasma ġdid;

xv. **22 t’April 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha ġie bażikament konfermat illi l-partijiet kienu qed jaqblu fuq dan il-pjan ta’ qasma ġdid, b’dana illi jkun hemm ekwiparazzjoni a favur tar-rikorrenti fi flus kontanti;

xvi. **22 t’April 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata, illi fiha l-legali tagħha informat lil-legali tar-rikorrenti illi jekk hemm dikrepanza fil-valuri, hemm qbil illi jkun hemm ekwiparazzjoni, iżda li l-intimata ma kellhiex flus minn fejn tħallas, u għalhekk kwalsiasi ekwiparazzjoni u anke dikjarazzjoni *causa mortis* u diviżjoni kellha ssir mill-bejgħ tad-dar;

xvii. **22 t’April 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, illi fiha ġie indikat illi kien hemm qbil da parti tar-rikorrenti;

xviii. **22 t'April 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata, illi fiha ġie indikat illi kien ser jiġi abbozzat il-ftehim;

xix. **3 ta' Ġunju 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti, għall-informazzjoni. **Ġie miktub, *"Kollega, ma smajt xejn minn naħa tiegħek. Ninsab dirett nikteb għall-aħħar darba b'dan illi jekk ma jkun hemm l-ebda risposta, il-klijenta tiegħi ser tkun qegħda tipproċedi ġudizzjarjament."*;**

xx. **27 ta' Ġunju 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tal-intimata, illi fiha ġie delineat pjan ta' qasma skont l-aktar korrespondenza riċenti, b'talba sabiex jindikat jekk kienx hemm qbil;

xxi. **27 ta' Ġunju 2021** – *E-mail* mibgħuta għan-nom tar-rikorrenti illi fiha ġie indikat illi kien ġie preżentat ir-rikors ġuramentat odjern;

53. Fl-ewwel lok, jiġi osservat illi minkejja illi ħafna minn din il-korrespondenza ntbagħtet '*Mingħajr Preġudizzju*', jidher illi l-ebda parti ma sabet oġġezzjoni għall-esebizzjoni tagħha in atti, tant illi l-intimata saħansitra tagħmel ukoll referenza għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Huwa għalhekk illi din il-Qorti sejra tikkonsidra l-istess korrespondenza u l-kontenut tagħha bħala prova ta' fatt, u ser tibbaża l-konsiderazzjonijiet tagħha fuqha;

54. Ikkunsidrat illi, mill-korrispondenza esebita (illi dwar il-presentata tagħha ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni) jirriżulta illi r-rikorrenti, sa mill-inqas minn Ottubru 2020, u cioe sena wara l-mewt t'ommha Lucrezia Borg, kienet diġa qiegħda tavvanta pretensjoni għas-sehem riservat lilha spettanti, din il-Qorti hija tal-fehma illi għandu jkun dovut imgħax fuq is-sehem riservat;

55. Madanakollu, din il-Qorti hija wkoll tal-istess fehma tal-Perit Legali illi r-rata t'imgħax m'għandhiex tkun dik stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16, iżda għandha tkun inqas, u dan in konsiderazzjoni tal-fatt illi, sakemm kienu għaddejjin it-trattattivi bejn il-partijiet, il-konvenuta kienet qed tikkoopera mal-attriċi, u kienet qed tressaq ukoll il-kontro-proposti tagħha għall-proposti mressqa mir-rikorrenti;

56. Din il-Qorti ma taqbilx mal-intimata illi hija għandha teżerċita d-diskrezzjoni lilha mogħtija mill-*proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kap 16, u cioe billi ma tagħtix imgħax. Dan għaliex illi mill-korrispondenza suesposta jirriżulta illi:

(a) kienet l-intimata illi l-ewwel qablet ma' pjan ta' diviżjoni imbagħad marret lura minn kelmtha, u dan darbtejn fil-perjodu illi fih kienu għaddejjin it-trattattivi. Ir-rikorrenti kellha għalhekk raġuni leġittima għalfejn tistħajjel illi t-trattattivi ma kienu ser iwasslu mkien;

(b) ir-rikorrenti kienet disposta illi taċċetta l-pjanijiet ta' qasma mressqa mill-intimata, sakemm hija tieħu dak illi kien lilha dovut, b'dana illi din il-Qorti ma tqisx illi r-rikorrenti kienet qed ittellef jew ittawwal it-trattattivi bejn il-partijiet;

(c) ir-rikorrenti għamlitha ċara sa minn Jannar 2021 illi kellha l-intenzjoni illi tipproċedi ġudizzjarjament jekk ikun hemm inerzja da parti tal-intimata, u xorta waħda baqgħet disposta illi taċċetta l-proposti tal-intimata minn dan il-punt 'il quddiem, u dan anke meta l-proposta da parti tal-intimata tressqet <u>ftit inqas minn xahrejn wara</u> illi ġiet hekk mitluba mir-rikorrenti (ara l-*e-mail* tar-rikorrenti tal-24 ta' Frar 2021, u l-*e-mail* tal-intimata b'risposta fis-17 t'April 2021);

57. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ukoll illi fit-22 t'April 2021, il-legali tar-rikorrenti ġie informat illi kien ser jiġi abbozzat ftehim, u sat-3 ta' Ġunju 2021 (cioe <u>aktar minn xahar wara</u>), ir-rikorrenti kienet għadha bla risposta. In oltre, minkejja illi r-rikorrenti, fl-*e-mail* tat-3 ta' Ġunju 2021 għamlitha ċara illi kienet qed tikkonsidra proċeduri ġudizzjarji, kien biss fis-27 ta' Ġunju 2021 illi ntbagħtet lura korrispondenza da parti tal-inimati. Wara dak illi ntbagħat fl-*e-mail* tat-3 ta' Ġunju 2021, l-intimata setgħet mill-inqas informat lir-rikorrenti illi kienet għadha fuq l-istess paġna, b'dana illi tindika lir-rikorrenti illi ma kinitx reġgħet marret lura minn fhiemtha, u mhux tħalli kważi xahar qabel tirrispondi għall-istess;

58. **Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tarax illi r-rikorrenti intavolat il-proċeduri *"ħabta u sabta"*, jew illi kellha tort illi tipproċedi għal proċeduri ġudizzjarji, minkejja illi l-partijiet jidher illi kienu qed jaqblu dwar id-diviżjoni.** Dan stante illi huwa evidenti mill-korrispondenza suriferita illi t-trattattivi kienu qed jitwalu per kawża tal-inerzja da parti tal-intimata, illi kienet iddum xhur sħaħ qabel ma tirriverti b'informazzjoni. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti kienet konsistentement flessibbli fil-pretensjonijiet tagħha mid-diviżjoni, u għal darba darbtejn aċċettat proposti magħmula mill-intimata wara illi l-istess intimata rtirat proposti preċedenti. Ir-rikorrenti għamlitha ċara illi kienet ser tieħu passi ġudizzjarji jekk it-trattattivi ser jibqgħu jitwalu, u xorta waħda wriet disponibilta' illi tasal għal ftehim bonarju, b'dana illi ħadet biss passi ġudizzjarji meta l-intimata tat impressjoni ċara illi kienet ser tibqa' silenzjuża. Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx mal-intimata, u hija tal-fehma **illi għandu jiġi akkordat imgħax lir-rikorrenti fuq is-sehem riservat spettanti lilha mill-eredita' t'ommha**;

59. Ciononostante, din il-Qorti qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt illi anke jekk damu, kien hemm trattattivi għaddejjin bejn il-partijiet, u għalhekk mhix tal-fehma illi għandha tiġi stabbilita r-rata t'imgħax massima. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi r-rata stabbilita mill-Perit Legali hija waħda ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi, u sejra tistabbilixxi hija wkoll ir-rata t'imgħax dovuta fuq is-sehem riservat għal **erbgħa fil-mija (4%)**;

60. Peress illi, fit-termini tal-Artikolu 615(2), l-imgħax għandu jibda jiddekorri *"mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data",* u kkunsidrat illi l-ewwel talba għas-sehem riżervat sar permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 4720/19 datata disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2019[25], cioe xahrejn biss wara l-ftuħ tas-suċċessjoni[26], il-Qorti sejra torda illi l-imgħax ikun dovut mid-data tal-mewt

---

[25] Vide **Dok CS5** annessa mar-rikors promotur, a fol 20 tal-proċess

[26] Fit-termini tal-Artikolu 831 tal-Kap 16, is-suċċessjoni tinfetaħ kif tiġri l-mewt, b'dana għalhekk illi d-data tal-ftuħ ta' suċċessjoni fil-każ odjern hija l-4 ta' Settembru 2019.

ta' Lucrezia Borg, u cioe l-**4 ta' Settembru 2019, sad-data tal-effettiv pagament**;

61. Finalment, il-Qorti tqis illi, peress illi l-valur likwidat a favur il-konvenuta mill-eredita' t'ommha jinkludi fih ukoll sehem ommha mid-dar bin-numru 234, *Casa Borg* fi Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll iż-żewġ garaxxijiet annessi, enumerati 232 u 236 fl-istess triq, u sehem ommha mill-kirjiet fuq il-ħwienet fi Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar, il-valur ta' dawn il-prelegati mħollija lill-konvenuta minn Lucrezia Borg huma wkoll inklużi fil-valur hekk likwidat.

**Id-Diviżjoni tal-Assi**

62. Fl-ewwel lok, dwar dak illi jirrigwarda l-qabar numru tmintax (18) fiċ-Ċimiterju ta' Sant'Andrija, Ħaż-Żebbuġ, liema proprjeta' immobbli ma ġietx indikata fir-rikors ġuramentat, iżda rriżultat mid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Carmelo Borg, din il-Qorti rat illi ma jidher li kien hemm l-ebda kontestazzjoni la da parti tar-rikorrenti u lanqas da parti tal-konvenuta illi l-istess qabar jinżamm in komuni bejniethom. Infatti, ir-rikorrenti saħansitra ddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, *"Illi hemm qbil min-naħa tal-esponenti li l-qabar numru tmintax (18) fiċ-ċimiterju ta' Sant Andrija Ħaż-Żebbuġ jibqa' komuni bejn il-partijiet."*[27] Il-Qorti tinnota illi l-Perit Legali kienet wasslet ukoll l-istess suġġeriment[28]. Il-Qorti sejra għalhekk tordna, għall-fini ta' kjarezza, illi l-**istess qabar jinżamm in komun bejn il-partijiet**;

63. Fit-tieni lok, jirriżulta għalhekk mis-suespost illi:

Mill-assi ereditarju ta' **Carmelo Borg** huwa dovut:

| | |
|---|---|
| <u>Lill-Attriċi</u> | **€ 548,100** + **nofs il-kirjiet** perċepiti mill-ħwienet mikrija wara l-4 ta' Settembru 2019 |

[27] Vide p 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, a fol 149 tal-proċess
[28] Vide l-aħħar sentenza f'p 12 tar-Rapport, a fol 139 tal-proċess

Lill-Konvenuta **€ 60,900**

Mill-assi ereditarju ta' **Lucrezia Borg** huwa dovut:

Lill-Attriċi **€ 101,500** + l-**imgħax** bir-rata ta' 4% mill-4 ta' Settembru 2019 sad-data tal-effettiv pagament

Lill-Konvenuta **€ 507,500** + **nofs il-kirjiet** perċepiti mill-ħwienet mikrija wara l-4 ta' Settembru 2019

64. Mill-banda l-oħra, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, jidher illi l-partijiet qegħdin jaqblu illi l-valuri tal-proprjeta' illi għandha tiġi diviża huma kif isegwu[29]:

i. Il-maisonette numru 87 fi Triq San Mikiel, Fgura - **€ 170,000**;

ii. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Movie Magic"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 95,000**;

iii. Il-garaxx numru 232, Triq San Tumas, Fgura - **€ 90,000**;

iv. Il-fond bl-isem ta' *Casa Borg* numru 234, inkluż il-garaxx, Triq San Tumas, Fgura - **€ 480,000**;

v. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Friends Bar"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 120,000**;

vi. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Soleil Hair Studio"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 80,000**;

vii. Il-ħanut magħruf bl-isem *"Fraben Boutique"* fi Triq il-Baħrija, Żabbar - **€ 35,000**;

[29] Dawn il-valuri huma dawk mogħtija mill-Perit Robert Ellul Sciberras, annessi mar-rikors ġuramentat u **Doc CS6 sa Doc CS15**, a fol 26 *et seq* tal-proċess

viii. Il-ħanut magħruf *"Lantas Pet Shop"* fi Triq il-Baħrija c/w Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 110,000**;

ix. Il-garaxx magħruf bl-isem *"Lucky Garage"* fi Triq il-Baħrija, Żabbar- **€ 38,000**;

65. Din il-proprjeta' qed tiġi assenjata kif isegwi:

<u>Lir-Rikorrenti Carmen Scerri</u>:

- Il-maisonette numru 87 fi Triq San Mikiel, Fgura - **€ 170,000**;
- Il-ħanut magħruf bl-isem *"Movie Magic"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 95,000**;
- Il-ħanut magħruf bl-isem *"Friends Bar"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 120,000**;
- Il-ħanut magħruf bl-isem *"Soleil Hair Studio"* fi Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 80,000**;
- Il-ħanut magħruf bl-isem *"Fraben Boutique"* fi Triq il-Baħrija, Żabbar - **€ 35,000**;
- Il-ħanut magħruf *"Lantas Pet Shop"* fi Triq il-Baħrija c/w Triq Alessio Erardi, Żabbar - **€ 110,000**;
- Il-garaxx magħruf bl-isem *"Lucky Garage"* fi Triq il-Baħrija, Żabbar- **€ 38,000**;

Valur Totali: **€ <u>648,000</u>**

<u>Lill-Intimata Margaret Saliba</u>:

- Il-garaxx numru 232, Triq San Tumas, Fgura - **€ 90,000**;

- Il-fond bl-isem ta’ *Casa Borg* numru 234, inkluż il-garaxx, Triq San Tumas, Fgura - **€ 480,000**;

Valur Totali: **€ <u>570,000</u>**

66. In oltre, **Margaret Saliba** għandha tħallas ekwiparazzjoni lil **Carmen Scerri** fl-ammont ta’ **elfejn u sitt mitt Ewro (€ 2,600)**;

67. Dan oltre l-imgħax dovut lil Carmen Scerri fuq is-sehem riservat spettanti lilha mill-eredita’ t’ommha, illi, sal-aħħar ta’ Marzu 2023, iwassal għas-somma ta’ **€ 14,210**, u imgħax ulterjuri mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

68. Hekk kif spjegat aktar ‘il fuq, kull parti tieħu wkoll **nofs il-kirjiet perċepiti mill-ħwienet mikrija wara l-4 ta’ Settembru 2019**.

**Il-Kontro-Talba**

69. Din il-Qorti tirrileva illi t-talbiet fil-kontro-talba ġew indirizzati u sorvolati fil-konsiderazzjoni minn din il-Qorti tal-mertu tal-kawża aktar ‘il fuq, u għalhekk, a skans ta’ repetizzjoni inutili, din il-Qorti mhix ser tagħmel deliberazzjoni ulterjuri f’dan ir-rigward.

**Spejjeż tal-Kawża**

70. Dwar dak illi jirrigwarda l-ispejjeż tal-kawża, din il-Qorti hija tal-fehma illi in konsiderazzjoni tal-fatt illi kien hemm trattattivi għaddejjin illi fihom kienu qed jieħdu sehem b’mod attiv iż-żewġ partijiet, ma jkunx ġust illi l-ispejjeż ġudizzjarji jiġi sopportati interament mill-konvenuta. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll il-fatt illi l-kawża ma kinitx tiġi intavolata li kieku l-intimata ma kaxkritx saqajha waqt l-istess trattattivi;

71. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi jkun ġust u ekwu illi l-ispejjeż tal-kawża u tar-rikonvenzjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**

72. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. **<u>Tilqa</u>**’ l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba tar-rikonvenzjonanti, u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti illi kienet teżisti bejn Carmelo u Lucrezia konjuġi Borg bħala konsistenti mill-assi hekk kif huma deskritti fit-taqsima bit-titolu *“Il-Proprjeta’ soġġetta għad-Diviżjoni”*;

ii. **<u>Tilqa</u>**’ t-tieni talba attriċi u tillikwida l-assi partikolari ta’ Carmelo Borg bħala konsistenti f’nofs l-assi deskritti fit-taqsima bit-titolu *“Il-Proprjeta’ soġġetta għad-Diviżjoni”*, f’valur ta’ sitt mija u disat elef Ewro **€609,000**;

iii. **<u>Tilqa</u>**’ t-tielet talba attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonanti u tillikwida l-assi partikolari ta’ Lucrezia Borg bħala konsistenti f’nofs l-assi deskritti fit-taqsima bit-titolu *“Il-Proprjeta’ soġġetta għad-Diviżjoni”*, f’valur ta’ sitt mija u disat elef Ewro **€609,000**;

iv. **<u>Tilqa</u>**’ s-sitt talba attriċi u tikkonfema illi r-rikorrenti hija eredi ta’ missierha Carmelo Borg li miet nhar is-sebgħa (7) ta’ Mejju 2002;

v. **<u>Tilqa</u>**’ t-tielet u r-raba’ talbiet rikonvenzjonanti u tiddikjara illi r-rikonvenzjonanti hija legatarja ta’ kull sehem li d-defunta Lucrezia Borg kellha fuq id-dar fuq żewġ sulari bl-arja libera u mhux interrotta tagħha u s-sottoswol relattiv enumerat uffiċjalment 234, *“Casa Borg”*, fi Triq San Tumas, il-Fgura, kif ukoll iż-żewġ garaxxijiet annessi mal-istess dar, kif ukoll tal-oġġetti illi jinsabu fl-istess dar, esklużi flus u titolu rappreżentanti flus kif ukoll ġojjelli u ħaġar prezzjuż, u tikkonferma illi

r-rikonvenzjonanti hija legatarja ta' kull sehem li d-defunta Lucrezia Borg kellha mill-kirjiet li hija kienet tirċievi fuq il-ħwienet ta' Ħaż-Żabbar, fi Triq Alessio Erardi;

vi. Konsegwentement, **tilqa**' r-raba' u l-ħames talbiet attriċi, u s-sitt talba rikonvenzjonanti u taqsam u tassenja l-ġid kollu mill-eredita' ta' Carmelo Borg u Lucrezia Borg bejn il-kontendenti skont it-taqsima bit-titolu *"Id-Diviżjoni tal-Assi"*;

vii. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' u tmien talbiet attriċi u rikonvenzjonanti, stante illi mhumiex meħtieġa.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**